31997D0222

4.4.1997 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 89/39

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## tat-28 ta' Frar 1997

## li tistipula l-lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam

**(Test b'relevanza għall-Ftehim EE)**

(97/222/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat Direttiva tal-Kunsill 72/462/KEE tat-12 ta' Diċembru 1972 dwar is-saħħa u l-problemi ta' spezzjonijiet veterinarji ma' l-importazzjoni ta' annimali bovini, majjali, ovini u kaprini, laħam frisk jew prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/91/KE [2], u b'mod partikolari l-Artikoli 21(a) u 22 tagħha,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 92/118/KEE tas-17 ta' Diċembru 1992, li tippreskrivi l-ħtiġiet għas-saħħa ta' l-annimali u għas-saħħa pubblika li jirregolaw il-kummerċ u l-importazzjoni fil-Komunità ta' prodotti mhux suġġetti għall-ħtiġiet imsemmija preskritti f'regoli speċifiċi tal-Komunità riferiti fl-Anness A (I) li jinsab mad-Direttiva 89/662/KEE u, fir-rigward ta' patoġeni, mad-Direttiva 90/425/KEE [3] kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 96/90/KE [4] u b'mod partikolari l-Artikolu 10(2)(ċ),

Billi d-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE [5], kif l-aħħar emendata mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/160/KE [6] tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw, fost l-oħrajn, importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam li ġejjin minn laħam li joriġina minn annimali bovini, majjali, solipedi, ngħaġ u mogħoż,

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/449/KE [7] kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 96/92/KE [8] tistipula listi ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri huma awtorizzati biex jimportaw prodotti tal-laħam minn annimali bovini, majjali, equidae, ngħaġ u mogħoż;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/85/KE [9] kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 96/2/KE [10] tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam frisk tat-tjur; billi din il-lista tapplika ukoll għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam li ġejjin mil-laħam tat-tjur;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/86/KE [11] kif emendata minn Deċiżjoni 96/137/KE [12] tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni ta' laħam tat-tjur selvaġġi, billi din il-lista tapplika għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam tat-tjur selvaġġi;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/278/KE [13] kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni 96/344/KE [14] tħejji lista ta' pajjiżi terzi li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw, fost oħrajn, l-importazzjoni ta' prodotti tal-laħam li ġejjin mil-laħam tal-fenek, laħam ta' tjur imrobbija fl-irziezet u laħam ta' annimali bil-pil, imrobbija fl-irziezet;

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 91/449/KEE hija revokata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/221/KE [15];

Billi huwa meħtieġa li tiġi stabbilita lista emendata ta' pajjiżi terzi approvati li minnhom l-Istati Membri jawtorizzaw l-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam manifatturati mhux biss mil-laħam li ġej mill-annimali bovini, majjali, equidae, ngħaġ u mogħoż imma ukoll minn laħam tat-tjur imrobbija fl-irziezet, fniek domestiċi u annimali selvaġġi;

Billi l-kategoriji tal-prodotti tal-laħam li jistgħu jkunu importati minn pajjiżi terzi jiddependu fuq is-sitwazzjoni tas-saħħa tal-pajjiż terz jew partijiet ta' pajjiż terz ta' manifattura; billi, sabiex ikunu jistgħu jkunu importati, ċerti prodotti tal-laħam iridu jkunu ġew suġġetti għall-trattament partikolari;

Billi d-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE [16], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva tal-Kunsill 95/68/KE [17], tiddefinixxi prodott tal-laħam billi tistipula l-ħtiġiet minimi ta' trattament; billi ċerti pajjiżi terzi jew ċerti partijiet ta' pajjiżi terzi li jidhru fuq il-listi msemmija hawn fuq għandhom biss ikunu awtorizzati għall-importazzjonijiet ta' prodotti tal-laħam li kienu ġew suġġetti għat-trattament sħiħ tas-sħana;

---

[1] ĠU L 302, tal-31.12.1972, p. 28.
[2] ĠU L 13, tas-16.1.1997, p. 26.
[3] ĠU L 62, tal-15.3.1993, p. 49.
[4] ĠU L 13, tas-16.1.1997, p. 24.
[5] ĠU L 146, ta' l-14.6.1979, p. 15.
[6] ĠU L 62, ta' l-4.3.1997, p. 39.
[7] ĠU L 240, tad-29.8.1991, p. 28.
[8] ĠU L 21, tas-27.1.1996, p. 71.
[9] ĠU L 44, tas-17.2.1994, p. 31.
[10] ĠU L 1, tat-3.1.1996, p. 6.
[11] ĠU L 44, tas-17.2.1994, p. 33.
[12] ĠU L 31, tad-9.2.1996, p. 31.
[13] ĠU L 120, tal-11.5.1994, p. 44.
[14] ĠU L 133, ta' l-4.6.1996, p. 28.
[15] ĠU L 89, ta' l-4.4.1997, p. 32.
[16] ĠU L 26, tal-31.1.1977, p. 85.
[17] ĠU L 332, tat-30.12.1995, p. 10.

Billi d-Deċiżjoni 97/221/KE tistipula l-kondizzjonijiet tas-saħħa ta' l-annimali u ċ-ċertifikazzjoni veterinarja li għandha tiġi applikata mill-Istati Membri għall-importazzjoni tal-prodotti tal-laħam minn pajjiżi terzi;

Billi huwa meħtieġ li jiġu stipulati t-trattamenti minimi meħtieġa għall-importazzjoni ta' dawn il-prodotti minn pajjiż terz ta' manifattura;

Filwaqt li l-miżuri li għalihom hemm ipprovdut f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Istati Membri għandhom jawtorizzaw l-importazzjonijiet tal-prodotti tal-laħam kif definiti fid-Deċiżjoni 97/221/KE minn pajjiżi terzi jew partijiet ta' pajjiżi terzi li jidhru fuq il-listi fit-Taqsimiet I, II, u III ta' l-Anness, b'dan illi huma jkunu għaddew mit-trattament relevanti stipulat fit-Taqsima IV ta' l-Anness, u jkunu akkumpanjati miċ-ċertifikazzjoni xierqa veterinarja tas-saħħa stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/221/KE.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tgħodd mill-1 ta' Marzu 1997.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fit-28 ta' Frar 1997.

*Għall-Kummissjoni*
Franz FISCHLER
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

TAQSIMA I

**Deskrizzjoni ta' territorji reġjonalizzati kif stipulati għall-pajjiżi elenkati fit-Taqsimiet II u III**

| Kodiċi ISO | Pajjiż | Territorju | Deskrizzjoni tat-territorju | Verżjoni |
|---|---|---|---|---|
| | | Kodiċi | | |
| BR | Brażil | BR 2 | 95/1 | Stati ta' Rio Grande do Sul, Snata Catarina, Paraná, Sáo Paulo u Mato Grasso do Sul |
| BR | Brażil | BR 3 | 95/1 | Il-Brażil kollu minbarra d-distretti elenkati f' BR 2 |
| CZ | Repubblika Ċeka | CZ 1 | 95/1 | Id-Distrett ta' Breclav |
| CZ | Repubblika Ċeka | CZ 2 | 95/1 | Ir-Repubblika Ċeka kollha minbarra d-distrett elenkat CZ |
| HR | Kroazja | HR 1 | 95/1 | Provinċi ta' Sisacko-Moslavacka, Karlovacka, Liko-Senjska, Brodsko-Posavsaka, Zadarsko-Kninska, Osjecko-Baranjska, Sibenska, Vukovarsko-Srijemska, Splitsko-Damlatinska, Dubro-vacko-Neretvanska |
| HR | Kroazja | HR 2 | 95/1 | Provinċi ta' Zagrebacka, Krapinsko-Zagorska, Varaz-dinska, Kopriunicko-Krizervacka, Bjelovarsko-Bilo-gorska, Primorsko-Goranska, Viroviticko-Podravska, Pożesko-Slavonska, Istarska, Medimurska, Grad Zagreb |
| MY | Malażja | MY 1 | 95/1 | Peninsular (Punent) Malażja biss |

TAQSIMA II

**Pajjiżi terzi jew partijiet minnhom minn fejn prodotti tal-laħam huma awtorizzati għall-importazzjoni fil-Komunità Ewropea.**

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġni jew parti minnu | 1. Majjal domestiku<br>2. Selvaġġjar - minbarra majjal | Ovin/kaprin domestiku | 1. Porċin domestiku<br>2. Selvaġġjar (majjal) | Solipedu domestiku | 1. Tiġieġ domestiku<br>2. Laħam tat-tjur | Fenek domestiku u leporidac | Annimali selvaġġi bid-difer maqsum (minbarra majjali selvaġġi) | Majjali selvaġġi | .Solipedi selvaġġi | .Leporidae selvaġġ (fniek u lieperu) | Tjur tas-selvaġġjar | .Mammalian tal-art selvaġġ (minbarra ungolates, solipeds u leporidac) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AR | Arġentina (1) | C | C | C | A | D | A | C | C | — | A | D | — |
| AU | Awstralja | A | A | A | A | A | A | A | A | — | A | A | A |
| BG | Bulgarija | A | A | D | A | D | A | A | D | — | A | D | — |
| BH | Bahrain | B | B | B | B | — | A | C | C | — | A | — | — |
| BR | Brażil-BR 2 | C | C | C | A | A | A | B | B | — | A | A | — |
| BR | Brażil-BR 3 | C | C | C | A | D | A | C | C | — | A | D | — |
| BW | Botswana | B | B | B | B | — | A | B | B | A | A | — | — |
| BY | Belarus | C | C | C | B | — | A | C | C | — | A | — | — |
| CA | Kanada | A | A | A | A | A | A | C | C | — | A | A | A |
| CH | l-Iżvezja | A | A | A | A | A | A | A | A | — | A | A | — |
| CL | Chile | B | B | B | A | A | A | A | D | — | A | A | — |
| CN | Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina | B | B | B | B | B | A | B | B | — | A | B | — |
| CO | Kolombja | B | B | B | B | — | A | B | B | — | A | — | — |
| CY | Ċipru | C | C | C | A | A | A | C | C | — | A | A | — |
| CZ | Repubblika Ċeka-CZ 1 | A | A | D | A | A | A | A | D | — | A | A | — |
| CZ | Repubblika Ċeka-CZ 2 | A | A | A | A | A | A | A | D | — | A | A | — |
| ES | L-Estonja | C | C | C | A | — | A | C | C | — | A | — | A |
| ET | L-Etjopja | B | B | B | B | — | A | B | B | — | A | — | — |

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġni jew parti minnu | 1. Majjal domestiku<br>2. Selvaġġjar - minbarra majjal | Ovin/kaprin domestiku | 1. Porċin domestiku<br>2. Selvaġġjar (majjal) | Solipedu domestiku | 1. Tiġieġ domestiku<br>2. Laham tat-tjur | Fenek domestiku u leporidac | Annimali selvaġġi bid-difer maqsum (minbarra majjali selvaġġi) | Majjali selvaġġi | .Solipedi selvaġġi | .Leporidae selvaġġ (fniek u lieperu) | Tjur tas-selvaġġjar | .Mammalian tal-art selvaġġ (minbarra ungolates, solipeds u leporidac) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| GR | Greenland | — | — | — | — | — | A | — | — | — | A | A | A |
| HK | Hong Kong | B | B | B | B | D | A | B | B | — | A | — | — |
| HR | Kroazja-HR 1 | C | C | C | A | D | A | C | C | — | A | D | — |
| HR | Kroazja-Hr 2 | A | A | D | A | A | A | A | D | — | A | A | — |
| HU | Ungarija | A | A | A | A | A | A | A | A | — | A | A | — |
| IL | Iżrael | B | B | B | B | D | A | B | B | — | A | D | — |
| IN | Indja | B | B | B | B | — | A | B | B | — | A | — | — |
| IS | Iceland | B | B | B | A | — | A | B | B | — | A | — | — |
| KE | Kenja | B | B | B | B | — | A | B | B | — | A | — | — |
| KR | Korea (Repubblika) | — | — | — | — | D | A | — | — | — | A | D | — |
| LI | Litwanja | C | C | C | A | D | A | C | C | — | A | D | A |
| LV | Latvia | C | C | C | A | — | A | C | C | — | A | — | A |
| MA | Morokk | B | B | B | B | — | A | B | B | — | A | — | — |
| MG | Madagasgar | B | B | B | B | D | A | B | B | — | A | D | — |
| MK | L-Ex Repubblika Jugożlava tal-Maċedonja | A | A | B | A | — | A | B | B | — | A | — | — |
| MT | Malta | — | — | — | — | A | A | — | — | — | A | — | — |
| MY | Malażja-MY 1 | — | — | — | — | D | A | — | — | — | A | D | — |
| MU | Mauritius | B | B | B | B | — | A | B | B | — | A | — | — |
| NA | Namibia (1) | B | B | B | B | D | A | B | B | A | A | D | — |
| NZ | New Zealand | A | A | A | A | A | A | A | A | — | A | A | A |

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġni jew parti minnu | 1. Majjal domestiku<br>2. Selvaġġjar - minbarra majjal | Ovin/kaprin domestiku | 1. Porċin domestiku<br>2. Selvaġġjar (majjal) | Solipedu domestiku | 1. Tiġieġ domestiku<br>2. Laham tat-tjur | Fenek domestiku u leporidac | Annimali selvaġġi bid-difer maqsum (minbarra majjali selvaġġi) | Majjali selvaġġi | .Solipedi selvaġġi | .Leporidae selvaġġ (fniek u lieperu) | Tjur tas-selvaġġjar | .Mammalian tal-art selvaġġ (minbarra ungolates, solipeds u leporidac) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| PL | Polandja | A | A | D | A | A | A | A | D | — | A | A | — |
| PY | Paraguaw | C | C | C | B | — | A | C | C | — | A | — | — |
| RO | Romanija | A | A | D | A | A | A | A | D | — | A | A | A |
| RU | Russja | C | C | C | B | — | A | C | C | — | A | — | A |
| SG | Singapor | B | A | B | B | D | A | B | B | — | A | — | — |
| SI | Slovenja | A | A | D | A | D | A | A | D | — | A | D | — |
| SK | Repubblika Slovakka | A | A | D | A | A | A | A | D | — | A | A | — |
| SZ | Swaziland | B | B | B | B | — | A | B | B | A | A | — | — |
| TH | Thajlandja | B | B | B | B | A | A | B | B | — | A | D | — |
| TN | Tuneżija | B | B | B | B | — | A | B | B | — | A | D | — |
| TR | Turkija | — | — | — | — | D | A | — | — | — | A | D | — |
| UA | Ukranja | — | — | — | — | — | A | — | — | — | A | — | — |
| US | Stati Uniti ta' l-Amerika | A | A | A | A | A | A | A | A | — | A | A | — |
| UY | Urugway | A | A | A | A | D | A | — | — | — | A | D | — |
| ZA | Afrika ta' Isfel (1) | C | C | C | A | D | A | C | C | A | A | D | — |
| ZW | Zimbabwe (1) | B | B | B | A | D | A | B | B | — | A | D | — |

(1) Ara t-Taqsima III għall-ħtiġiet minimi tat-trattament għall-prodotti tal-laħam pasturizzat u laħam imqatta fi strixxi.

TAQSIMA III

**Pajjiżi terzi jew partijiet minnhom fejn strixxi tal-laħam jew prodotti tal-laħam pastorizzati huma awtorizzati għall-importazzjoni fil-Komunità**

| Kodiċi ISO | Pajjiż ta' oriġni jew parti minnu | 1. Bovoni domestiċi<br>2. Annimali bid-difer maqsum imrobbija fl-irziezet minbarra majjali | Ovini/kaprini domestiċi | 1. Porċini domestiċi<br>2. Annimali bid-difer maqsum imrobbija fl-irziezet (Majjali) | Solipedi domestiċi | 1. Tjur domestiku<br>2. Annimali bir-rix imrobbija fl-irziezet | Fenek domestiku u leporidac | Annimali selvaġġi bid-difer maqsum (minbarra majjal) | Majjal selvaġġ | Solipedi selvaġġi | .Leporidae selvaġġ (fniek u lieperu) | Tjur tas-selvaġġjar | .Mammalian tal-art selvaġġ (minbarra ungolates, solipeds u leporidac) |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| AR | Arġentina | F | F | — | — | — | A | — | — | — | A | — | — |
| NA | Namibja | E | E | — | — | E | A | — | — | A | A | E | — |
| ZA | Afrika ta' Isfel | E | E | — | — | E | A | — | — | A | A | E | — |
| ZW | Zimbabwe | E | E | — | — | E | A | — | — | E | A | E | — |

TAQSIMA IV

**Interpretazzjoni tal-kodiċi użati fit-tabelli Fit-Taqsimiet II u III**

— = Importazzjoni tal-prodotti tal-laħam li jkun fihom laħam ta' dan l-ispeċi mhux awtorizzat.

*Reġim ta' trattament mhux speċifiku*

A = Ebda temperatura minima speċifikata ta' trattament ieħor ma hija stabbilita għall-għanjiet tas- saħħa ta' l-annimal għall-prodotti tal-laħam. Madankollu jrid ikun għadda minn trattament li bih il-wiċċ maqtugħ juri li hi ma baqalux aktar il-karateristiċi ta' laħam frisk.

*Reġimi ta' trattament speċifiku - elenkati f'ordni li jonqos ta' severità*

B = Trattament f'kontenitur issiġillat ermetikament għall-valur F!!! error character !!! B!!! error character !!! 'I ta' tlieta jew aktar.

C = Temperatura minima ta' 80 °C li trid tintlaħaq mal-laħam kollu waqt l-ipproċessar tal-prodott tal-laħam.

D = Temperatura minima ta' 70 °C li trid tintlaħaq mal-laħam waqt l-ipproċessar tal-prodotti tal-laħam, jew

għall-perżut, trattament li jikkonsisti minn fermentazzjoni naturali u maturazzjoni ta' mhux inqas minn disa' xhur u li jirriżultaw fil-karatteristiċi li ġejjin:

— Valur $A_w$ ta' mhux aktar minn 0,93,

— Valur pH ta' mhux aktar minn 6,0.

E = Fil-każ ta' prodotti tat-tip ta' laħam imqatta' strixxi, trattament biex jinkiseb:

— Valur $A_w$ ta' mhux aktar minn 0,93,

— Valur pH ta' mhux aktar minn 6,0.

F = Trattament tas-sħana li jassigura temperatura ċentrali ta' minn ta' l-inqas 65 °C tintlaħaq għall-perjodu ta' żmien meħtieġ biex jinkiseb valur ta pastorizzazzjoni (pv) ugwali għal jew aktar minn 40.

*NB:* Fejn il-prodott tal-laħam ikun għadda minn trattament barra minn tisħin f'kontenitur issiġillat ermetikament għal F!!! error character !!! B!!! error character !!! 'I valur ta' tlieta jew aktar, laħam frisk fil-manifattura ta' prodotti tal-laħam imsemmija fit-Taqsimiet II u III iridu jissodisfaw ir-regoli tas-saħħa ta' l-annimal applikabbli għall-esportazzjoni ta' laħam frisk lejn il-Komunità Ewropea.